# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-18 ta’ Diċembru 2006

## li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti

**(BĊE/2006/26)**

(2007/47/KE)

IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b’mod partikolari l-Artikolu 48,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2004/10 tat-23 ta’ April 2004, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti [1], iddeterminat il-persentaġġ tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta’ l-Istati Membri li ma jkunux adottaw il-euro fl-1 ta’ Mejju 2004, kellhom obbligazzjoni li jħallsu fl-1 ta’ Mejju 2004, bħala kontribuzzjoni ta’ l-ispejjeż operattivi tal-BĊE.

(2) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jissieħbu fis-SEBĊ fl-1 ta’ Jannar 2007, id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta’ Diċembru 2006 dwar l-ishma ta’ persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [2] tistabbilixxi b’effett mill-1 ta’ Jannar 2007, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl-1 ta’ Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital imkabbar tal-BĊE (minn issa “l quddiem l-ippeżar ta’ l-iskema kapitali” u l-“iskema kapitali” rispettivament).

(3) Il-kapital sottoskritt tal-BĊE se jkun EUR 5 760 652 402,58 b’effet mill-1 ta’ Jannar 2007.

(4) L-iskema kapitali teħtieġ l-adozzjoni ta’ deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2004/10 b’effett mill-1 ta’ Jannar 2007, u li tiddetermina l-persentaġġ tal-kapital sottoskritt tal-BĊE li l-BĊNi ta’ l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro sa l-1 ta’ Jannar 2007, (minn issa ’l quddiem “il-BĊNi mhux parteċipanti”) għandhom obbligazzjoni biex iħallsu b’effett mill-1 ta’ Jannar 2007.

(5) Minħabba l-Artikoli 3.5 u 6.6 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Gvernaturi tal-Bulgarian National Bank u tal-Banca Națională a României kellhom l-opportunità biex jissottomettu osservazzjonijiet dwar din id-Deċiżjoni qabel l-adozzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Daqs u forma ta’ kapital imħallas**

Kull BĊN mhux parteċipanti għandu jħallas 7 % tas-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE b’effett mill-1 ta’ Jannar 2007. Wara li jitqies l-ippeżar ta’ l-iskema kapitali deskritta fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/21, kull BĊN mhux parteċipanti għandu jħallas b’effett mill-1 ta’ Jannar 2007, l-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN mhux parteċipanti | (EUR) |
|---|---|
| Bulgarian National Bank | 3 561 868,99 |
| Česká národní banka | 5 597 049,87 |
| Danmarks Nationalbank | 6 104 332,92 |
| Eesti Pank | 686 727,37 |
| Central Bank of Cyprus | 503 653,84 |
| Latvijas Banka | 1 134 330,06 |
| Lietuvos bankas | 1 684 760,40 |
| Magyar Nemzeti Bank | 5 299 051,33 |
| Bank Ċentrali ta’ Malta | 250 818,81 |
| Narodowy Bank Polski | 19 657 419,83 |
| Banca Națională a României | 10 156 951,89 |
| Národná banka Slovenska | 2 727 956,95 |
| Sveriges Riksbank | 9 400 866,26 |
| Bank of England | 56 187 041,67 |

[1] ĠU L 205, 9.6.2004, p. 19.

[2] Ara paġna 1 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Minħabba li kull BĊN mhux parteċipanti, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarian National Bank u l-Banca Naţională a României, diġa ħallas 7 % tas-sehem tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2006, skond id-Deċiżjoni BĊE/2004/10, kull wieħed minnhom, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarian National Bank u l-Banca Naţională a României, għandhom jew jittrasferixxu ammont addizjonali lill-BĊE, jew jirċievu ammont lura mill-BĊE, kif jixraq, sabiex jaslu għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1.

2. Il-Bulgarian National Bank u l-Banca Naţională a României għandhom jittrasferixxu lill-BĊE l-ammont muri ħdejn isimhom fit-tabella fl-Artikolu 1.

3. It-trasferimenti kollha skond dan l-Artikolu għandhom isiru skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/23 tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas (1).

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2004/10 qed tiġi hawnhekk abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2004/10 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Diċembru 2006.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

(1) Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.